MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 11/2007/1

Natasha Theuma

Vs

Brian Theuma

Il-Qorti,

**Sentenza Parzjali dwar dikjarazzjoni ta’ firda personali wara qbil bejn il-partijiet.**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-18 ta’ Gunju 2007 li permezz tieghu gie premess li:-

Il-partijiet izzewwgu fl-4 ta’ Awwissu 2002 u minn dan iz-zwieg taghhom kellhom lil Sadie li twieldet fl-20 ta’ Gunju 2003.

Iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment u dan minhabba nuqqasijiet gravi imputabbli lill-konvenut li hu hati fil-konfront tal-attrici *inter alia* ta’ adulterju, sevizzi, eccessi, ngurji gravi, mohqrija psikologika li rrendew il-hajja konjugali ta’ bejn il-partijiet impossibbli kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

L-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali in forza ta’ digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Sezzjoni Familja fit-2 ta’ Marzu 2007.

L-attrici talbet lill-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddecidi li z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet premessi imputabbli ghal Brian Theuma u tippronunzja s-separazzjoni personali bejniethom.
2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri esklussivament lill-attrici.
3. Tiffissa retta mensili ghall-manteniment tal-minuri pagabbli mill-konvenut lill-attrici.
4. Tiffissa retta alimentarja mensili ghall-attrici pagabbli mill-konvenut.
5. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tassenja lil kull wahda mill-partjiet il-parti spettanti lilha mill-istess komunjoni tal-akkwisti u dan okkorrendo bl-opra ta’ perit nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti u jigi nominat Nutar sabiex jigi ppubblikat relattiv kif ukoll jigu nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.
6. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti d-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli 48-51 tal-Kodici Civili.

Rat ir-risposta guramentat prezentata fit-3 ta’ Awwissu 2007 mill-konvenut Brian Theuma (fol. 11) li permezz taghha:-

1. Il-konvenut oppona ghat-talbiet tal-attrici in kwantu qatt ma ried jasal ghas-separazzjoni u dejjem ipprova jirrikoncilja u hi biss l-attrici li trid is-separazzjoni.

2. Oppona ghat-talbiet tal-attrici in kwantu z-zwieg tieghu mal-attrici kien biss tort taghha. Il-konvenut isostni li ghandha tkun l-attrici li tiddekadi mid-drittijiet kontemplati fl-Artikoli 48-51 tal-Kodici Civili.

Il-konvenut ipprezenta wkoll talba rikonvenzjonali (fol. 12) fejn qieghed isosnti li l-attrici kkawzat sevizzji, eccessi, theddid, allegazzjonjiet serji u ngurji kontra l-konvenut. Ghalkemm hu pprova jirrikoncilja, l-attrici dejjem irrifjutat kull tentattiv ghal rikonciljazzjoni u kienet deciza li tissepara.

Il-konvenut irid li tigi dikjarata s-separazzjoni personali minn ma' martu u tigi xjolta l-komunjoni tal-akkwisti u li hu m'ghandux jigi kundannat jaghmel tajjeb ghall-manteniment.

Talab ghalhekk li l-Qorti:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan wara li tiddikjara li kienet Natasha Theuma li wasslet ghal din is-separazzjoni.
2. Tiddikjara li Natasha Theuma ddekadiet mid-drittijiet taghha kif kontemplati fl-Artikolu 48 sa 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Tiddikjara xjolta, tillikwida, tiddividi u tassenja lil kull wiehed mill-kontendenti hekk kif inhu xieraq skond il-Ligi, l-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejn il-kontendenti u dan dejjem salv dak li ntalab bil-komminazzjonijiet applikabbli fil-konfront ta' Natasha Theuma skond il-Ligi.
4. Tiffissa dik ir-retta alimentari xierqa li ghandha tithallas minn Natasha Theuma lill-epsonenti Brian Theuma u dan bil-modalitajiet kif ghandha tithallas l-istess retta alimentari.
5. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri Sadie Theuma esklussivament lill-konvenut b'access lil Natasha Theuma fuq il-modalitajiet li l-Qorti joghgobha tiffissa.

Rat ir-risposta prezentata mill-attrici (fol. 14) ghat-talba rikonvenzjonali u li permezz taghha kkontestat l-istess.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat:-

1. Fis-seduta tal-lum il-kontendenti waslu fi transazjoni fuq certu aspetti tal-kawza u qablu (ara verbal tas-seduta tal-lum li gie wkoll iffirmat mill-kontedenti) li l-Qorti taghti sentenza fis-sens li:-

(a) Tiddikjara l-firda personali ghar-raguni li z-zwieg bejn il-kontedenti tkisser b'mod irimedjabbli minghajr ma tattribwixxi xi tort lil xi wiehed mill-partijiet.
(b) Il-komunjoni tal-akkwisti tigi xjolta u l-gid jinqasam bil-mod indikat fl-istess verbal.
(c) Il-kontendenti ma jirtux lil xulxin.
(d) Spejjez tal-kawza sa dan l-istadju jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet b'dan li l-ispejjez tar-Registru jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

Fis-seduta tal-lum il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma' fit-tul lill-partijiet u d-difensuri taghhom u hu altru milli evidenti li m'hemmx possibilita' ta' rikonciljazzjoni u li l-kwistjonijiet bejn il-kontendenti huma limitati dwar il-kura u kustodja tal-minuri Sadie, l-access u l-hlas ta' manteniment ghaliha.

2. Fir-rigward tal-manteniment bejn il-kontendenti, irrizulta li l-attrici m'hijiex impjegata filwaqt li l-konvenut ghandu mpjieg f'Malta. Madankollu jirrizulta wkoll li l-konvenut qieghed jitlob il-hlas ta' manteniment (ara r-raba' talba tal-kontrotalba) u dwar liema ma saret l-ebda sottomissjoni fis-seduta tal-lum. Ghalhekk sabiex ma tigi pregudikata ebda parti, il-Qorti ghalissa mhux ser taghti decizjoni fuq l-aspett tal-manteniment li kull parti qeghda tippretendi mill-parti l-ohra.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tiddecidi billi:-

1. Tiddecidi l-ewwel talba tar-rikors u l-ewwel talba tal-kontrotalba billi tiddikjara l-firda personali bejn il-konjugi ghar-raguni li z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbilment.

2. Tiddecidi l-hames talba tar-rikors guramentat u t-tielet talba tal-kontrotalba billi b'effett immedjat tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u tillikwida u tassenja l-gid formanti parti mill-istess b'dan il-mod:-

(a) Tassenja lill-konvenut Brian Theuma l-vettura tal-marka Rover 420 bin-numru EMI 420, kompjuter (inkluz monitor), mejda tal-kompjuter, blender u digital camera (din ta' l-ahhar tinsab diga' fil-pussess tal-konvenut). Tordna li d-dejn li hemm fuq il-visa card mal-HSBC Bank Malta plc jaghmel tajjeb ghalih l-istess konvenut. Fl-eventwalita' li ghad hemm xi dejn fuq il-vettura, ghandu wkoll jaghmel tajjeb ghalih il-konvenut. Tordna lill-attrici sabiex fi zmien ghoxrin (20) gurnata mil-lum tikkonsenja lil zewgha l-imsemmija oggetti li ghandu jaghmel l-arrangamenti sabiex ghas-spejjez tieghu jmur jigborhom. Dan bla pregudizzju ghal kull ordni ohra li tista' taghti l-Qorti biex tigi mwettqa ahjar din il-parti tas-sentenza.
(b) Tassenja lill-attrici Natasha Theuma l-*fridge freezer* u t-*television set* u kull oggett iehor li kien jinsab fid-dar matrimonjali u li llum qieghed fil-pussess tal-konvenut (mhux inkluz l-affarijiet personali tal-konvenut bhal dokumenti, li ghandhom jinghataw lill-konvenut wara li dan ta' l-ahhar jaghtiha lista fejn jindika l-affarijiet. Imbaghad l-attrici ghandha fi zmien ghoxrin (20) gurnata min-notifika ta' din il-lista tikkonsenja lil zewgha l-affarijiet personali u min-naha tal-konvenut ghandu jaghmel l-arrangamenti sabiex ghas-spejjez tieghu jmur jigborhom. Dan bla pregudizzju ghal kull ordni ohra li tista' taghti l-Qorti biex tigi mwettqa ahjar din il-parti tas-sentenza).

3. B'riferenza ghas-sitt talba tar-rikors guramentat u t-tieni talba tat-talba rikonvenzjonali m'hemmx lok li jigu applikati s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48-51 tal-Kodici Civili hlief ghal fatt li l-partijiet jitilfu d-drittijiet

successorji fil-konfront ta’ xulxin, kif wara kollox qablu l-istess partijiet.

Il-kawza qeghda tigi differita ghas-seduta **tat-23 ta’ Jannar 2008 f’12.00 p.m.** sabiex jitressqu l-provi dwar it-tieni, it-tielet u r-raba’ talba tal-attrici u r-raba’ u l-hames talba tal-kontrotalba.

Spejjez jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet b’dan li spejjez tar-Registru ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------